**179. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta bi ħsiebu jagħti l-użu u l-okkupazzjoni lill-China Harbours Engineering Company u lill-Korporazzjoni Maltija tal-Iżvilupp ta’ proprjetà f’Tigne, tas-Sliema kif deskritta aħjar fl-abbozz ta’ permess imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kumpens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita “skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment”;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjetà f’Tigne tas-Sliema deskritta aħjar fl-abbozz ta’ permezz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-China Harbours Engineering Company u lill-Korporazzjoni Maltija tal-Iżvilupp għaż-żmien, għall-iskop u skont il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

25.07.84